# Il-Parroċċa ta' Bormla

Diffiċli ħafna tifred lil Bormla mill-Parroċċa, u min jipprova, ma jistax jifhem għal kollox il-kultura id-drawwiet tal-Bormliżi. Il-Parroċċa ta' Bormla għadha tinvolvi ruħha bis-sħiħ fl-iżvilupp mhux biss liturġiku imma anke edukattiv u soċjali tal-Komunita' Bormliża kollha. Il-Qima lejn l-Immakulata, li hija s-simbolu tal-Parroċċa u li tressaq it-talb tagħna lejn Alla l-Missier, tgħaqqad il-forzi kollha ta' Bormla flimkien permezz tal-Liturġija; l-għemil li bih nikkomunikaw m'Alla.

Il-Knisja fl-Iskrittura hija mfissra bħala l-għalqa tal-Mulej (1 Kor 3,9), Ġerusalemm tas-sema (Gal 4, 26), id-dar ta' Alla (1 Tim 3, 15). Bħalma aħna inżejnu id-dar tagħna u nżommuha bl-aktar mod xieraq, hekk ukoll id-dar t'Alla aħna l-bnedmin inżommuha bl-aħjar mod. Anzi, aħna l-bnedmin nippruvaw nesprimi ħafna sentimenti għoljin tagħna b'mod fiżiku u materjali bħal fid-deheb u dekor ieħor. Dan il-fenomenu narawh ukoll fil-Knejjes tagħna. Ħadt ma jiċħad li il-Parroċċa ta' Bormla hija waħda mill-isbaħ knejjes li għandna f'Malta u żgur li tiġbed lejha għadd kbir ta' Maltin kif ukoll turisti. Sa ċertu punt nistgħu ngħidu wkoll li il-Knisja b'tempji bħal dan ta' Bormla qiegħda tagħti kontribut nazzjonali anke għall-iżvilupp turistiku, għaliex ħadd ma jista' jiċħad li l-parroċċa ta' Bormla bħal ħafna knejjes oħra, hija ta' attrazzjoni kbira, u anke il-manutenzjoni ta' dan it-tempju issir mill-Knisja, grazzi għall-għajnuna ta' l-Insara u l-

ħidma tal-voluntieri. Mhux hekk biss, imma kull aspett liturġiku, mit-talb u l-quddies ta' kuljum, il-purċissjonijiet tal-Ġimgħa l-Kbira u l-Għid il-Kbir li huma fost l-aktar famuża fil-pajjiż, u l-festa tant għażiża għall-Bormliżi ta' Marija Immakulta Kunċizzjoni jiġbdu lejhom għadd kbir ta' Maltin minn kull lokalita' u turisti.

## Żvilupp Storiku

Bormla tal-qedem ma kienet xejn għajr art miftuħa, qrib il-port, li aktar tard fi żmien il-kavallieri saret l-aktar belt qrib il-Belt Vittoriosa. L-ewwel nies x'aktarx li keinu sajjieda jew baħrin. Bormla ma kienetx art tajba għar-raba u għalhekk ġiet imsejħa "Bur" li tfisser xagħra. Tant hu minnu dan li llum insibu medda ta' art li baqgħet tissejjaħ ix-Xagħjra, eżattament fejn hemm il-Kunsill Lokali.

Il-Knisja ewlenija ta' Bormla minn dejjem kienet iddedikata lill-Kunċizzjoni imma f'daqqa waħda fl-1250 din bdiet tissejjaħ tal-Madonna tas-sokkors[1] u kienet tagħmel mal-parroċċa tal-Birgu. Jingħad li dak li wassal għall-bidu tal-Knisja kien meta darba waħda wieħed mill-għassiesa ta' xambekk Sqalli niżel biex jistkenn, peress li Bormla hija qrib il-baħar. Huwa sema' krib ta' tarbija minn fuq l-għolja tal-ġonna, jiġifieri fejn illum hemm il-Knisjau tela' jara flimkien mal-Kaptan. Hemmhekk raw xena tal-biża' raġel li

[1] *Żvilupp tal-Qima lejn Marija Verġni Immakulata f'Bormla*, Kustodju ta' l-artal tal-Kor Bormla, 1949. p.15.

għarfu li kien id-dimonju isawwat lit-tarbija bla ħniena. Huma twerwru u l-unika ħaġa li setgħu jagħmlu kien li jitolbu lill-Madonna. Hemmhekk dehret il-Madonna li ħelset lill dik it-tarbija. Huma min-naħa tagħhom wegħdu li f'dak il-post tinbena kappella. Fil-Mużew tal-Kattidral, fl-Imdina, għadna nistgħu naraw kwadru tal-Madonna tas-Sokkors, meħud minn Bormla fi żmien l-Assedju l-Kbir bl-ordni tal-Isqof, li juri l-Madonna b'tarbija mbeżżgħa qiegħda tistkenn taħt il-mant tagħha u f'idejha il-leminija għandha biċċa zokk ta' siġra.

L-iżvilupp tal-Birgu, belt tal-Kavallieri magħluqa bis-swar, kibbret tant li ma setgħux imorru joqogħdu iżjed nies. Dan wassal biex inħarġet proklamazzjoni uffiċjali mill-ordni biex in-nies li ma sabux post fil-Birgu isibu xelter fis-subborg ta' Bormla, eżattament wara s-swar tal-Birgu. Sas-sena 1565 is-subborg kien istabilixxa ruġu sew, tant li l-Ordni beda jitlob pariri kif setgħu jinbnew swar biex iħarsu lin-nies li bdew jabitaw madwar il-ħames għoljiet; dawk ta' Pażan, ta' Ġerman, ta' Santa Margerita li hija l-aktar waħda għolja u ta' Kordin.

Fil-1575 eżattament wara l-Assedju, il-Knisja ta' Santa Marija ta' Sokkors kienet imdaqqsa u miżmuma tajjeb ħafna.

> Kellha artal maġġur u altari oħra li kienu bla tiżjin, bla obbligi. Il-knisja kienet bla rettur u kienu jieħdu ħsiebha tliet prokuraturi u lajċi.[2]

Fl-1584 il-Bormliżi talbu lill-Mons. Mons. Pietru Franġisku Costa', Vigarju ta' l-Isqof, f'isem il-poplu biex il-Knisja ta' Bormla tinfirdet minn dik tal-Birgu u ssir parroċċa għaliha.[3] Minkejja tnaqqis serju fil-popolazzjoni ta' Bormla fl-1571 minħabba li ħafna telqu lejn il-Belt ġdida Valletta, id-dritt ta' din il-parroċċa l-ġdida beda jseħħ fl-1587.

Għall-ħabta ta' l-1686 il-Knisja inbniet mill-ġdid biex tieħu l-forma li għandha illum. L-aroloġġ tal-kampnar li hemm illum sar fis-sena 1794 li ħa post dak li kien hemm qabel.[4] Il-Parroċċa ta' Bormla kompliet tikber kemm fin-numru ta' nsara, u kienet ix-xewqa tal-Kleru li l-Parroċa tkun mogħtija d-dinjita' ta' Kolleġjata. Din ixxewqa ġiet milqugħa mill-Papa Piju VII fl-1822.

## Il-Knisja l-Ġdida

Il-Knisja ta' Bormla tinsab fuq waħda mill-ħames għoljiet ta' Bormla u nistgħu ngħidu li l-lokazzjoni tagħha tagħtiha ċerta prominenza, bħal donnu l-Immakulata Kunċissjoni qiegħda tħares lill-Bormla kollha mit-Tempju tagħha. Madankollu it-tlajja' u nżul, u t-turġien li huma karatteristika ta' Bormla, minħabba l-għoljiet li fuqhom hija mibnija, joħolqu problemi wkoll għall-parroċċa. Bosta' nies ifittxu knejjes aktar viċin bħal ta' San Pawl, Santa Tereza, Santa Margerita, San Tumas li hija kappella zgħira fuq is-sur tal-Kottonera irranġata apposta min-nies ta' Polverista u nistgħu ngħidu wkoll li r-reżidenti ta' San Ġwann t'Għuxa ukoll iridu jiftħu l-kappella qadima li nsibu f'dan il-lokal, liema talba ma ġietx milqugħa mill-Arċiprieti rispettivi. Żvantaġġ ieħor tal-Knisja huwa li

[2] Scannura, C.G., Tagħrif storiku dwar il-Knisja Parrokjali ta' Bormla, Kummissjoni Fuljett tal-Kunsill Parrokjali, Bormla, 1983.
[3] Guillaumier, A., Bormla, Bliet u Rħula Maltin, Valletta Publishing, Malta, p. 131.
[4] *Żvilupp tal-Qima lejn Marija Verġni Immakulata f'Bormla*, Kustodju ta' l-artal tal-Kor Bormla, 1949, p.43

m'hemmx pjazza fejn jiltaqgħu in-nies flimkien. Is-swar majjestużi li jħaddnu il-belt ta' Bormla, hekk kif jgħid il-motto *Sur Kbir iħaddanni* ukoll jistgħu sfortunatament ikunu ta' żvantaġġ minħabba li jagħlqu il-belt, u dan narawh rifless fil-parroċċa ngħidu aħna mill-fatt li Bormla għall-kuntrarju ta' postijiet oħra fil-qrib, tista' tonqos mill-popolazzjoni imma ftit tista' tikber, u ma tistax tiftaħ it-trufijiet tagħha. Minkejja li il-Bormliżi huma magħquda u m'hemm ebda firda ta' każini, il-ħames għoljiet li fuqhom hija mibnija din il-belt diġa joħolqu problemi fiżiċi ambjentali u hemm disparazzjoni kbira bejn ir-residenti ta' Bormla sabiex ikunu magħquda f'parroċċa waħda. Dan il-fenomenu iżda ma jirriflettix ruħu fil-festa ta' Marija Immakulata u fl-Għid il-Kbir u fl-attivitajiet Liturġiċi kbar li torganizza l-parroċċa, għax hawnhekk naraw il-poplu Bormliż magħqud fit-talb u d-devozzjoni.

Bħal ħafna knejjes antiki il-Parroċċa ta' Bormla għandha forma ta' salib. Il-Knisja hi magħmlula minn kurisja u żewġ navi fil-ġenb, kor u żewġ kappelluni fil-ġenb. Koppla sabiħa iżżejjen din il-Knisja u fil-ġnub għandha wkoll żewġ kampnari mgħammra b'sitt iqniepen. Ħafna mix-xogħlijiet artistiċi tal-koppla huma tal-pittur ċelebri Malti Ġużeppi Cali' li għandu anke xogħol fis-saqaf tal-kursija. Fil-ġenb tal-Knisja insibu kappella kbira b'forma tonda iddedikata lill-Kuriċifiss ta' Kandja. Dan il-kurċifiss ta' l-injam inġieb Bormla wara li t-Torok għamlu rebħa fil-belt ta' Kandja fi Kreta u għandu importanza kbira. Tant li sa mill-bidu bdew isiru devozzjonijiet lejh u llum nistgħu ngħidu li għandu rabta storika u hu imrezzabli. Fuq il-ġnub tal-kappellun insibu żewġ artali wieħed iddedikat lil Sant'Andrija u l-ieħor lil San Anard.

Il-ħitan wiesgħa huma tipiċi taż-żmien li fih inbniet il-Knisja u minħabba f'hekk in-nies li jisimgħu il-quddies fil-ġnub ma jistgħux jaraw l-artal. Jien nissuġġerixxi li l-quddiesa ta' kuljum ma ssirx fil-Knisja prinċipali imma fil-Kappella tas-Salib ta' Kandja magħquda ma' l-istess Knisja. Din l-idea li ħafna ma jaqblux magħha ġieli saret bħaa esperiment fil-quddiesa taż-żgħażagħ.

Fuq wara tal-Knisja wieħed jista' jammira l-Orgni sabiħ li nħadem f'Ruma minn Natale Morelli u twaħħal f'Ottubru ta' l-1862.

Il-Knisja hija mdawwla għaliex kull kkuppletta fin-navi għandha it-twieqi fil-lanterna. Barra minn hekk hemm twieqi kbar u sbieħ fis-saqaf tal-kursija. Fuq nett ta' l-artal tal-Kor ukoll hemm tieqa kbira ovali. Il-koppla għandha twieqi kbar u sbieħ, minbarra l-lanterna. Barra minn hekk matul dawn l-aħħar għaxar snin inħasset il-ħtieġa li jinxtraw linef ġodda li fihom ammont akbar ta' bozoz u joħolqu ħafna aktar dawl minn dawk li kien hemm. Ta' min ngħidu wkoll li fil-knisja hemm numru mhux ħażin ta' tubli li ma jtellfu xejn mid-dekor antik tal-knisja.

## Xogħlijiet Artistiċi fil-Parroċċa ta' Bormla

Il-Parroċċa ta' Bormla hija mżejna bl-aqwa opri artistiċi li kollha juru il-Qima tal-Bormliżi u l-Imħabba li għandhom għall-Knisja.

> Kull arti liturġika trid tesprimi l-aspett sagru (Qaddis) u spiritwali. L-espressjoni artistika liturġika trid toħloq ambjent ta' qima u talb lil Alla.[5]

### Artal

Wara r-riforma tal- Konċilju Vatikan II daħħlet l-idea li l-quddiesa hi l-ikla tal-Mulej, u bħal kull Knisja speċjalment dawk li nbnew qabel il-Konċilju il-Kolleġjata ta' Bormla daħħlet l-artal kif nafuh illum. L-artal huwa tal-kewba, sempliċi u jfakkar li huwa il-mejda tal-Mulej. Il-forma tiegħu hija ta' mejda u jkun imżejjen b'bukket wieħed tal-fjuri.

[5] Borg, Rev. Dr. F., Il-Knisja: Xhieda ta' Fidi u Qima, Pastor, Settembru - Ottubru 1999, p. 9.

Żvantaġġ illi nara huwa li f'Bormla għadek tara il-presbiterju bil-ballabostri u dan narah ta' żvantaġġ għaliex jifred in-nies mill-artal.

## Artal Maġġur

L-Artal Maġġur huwa wieħed mill-isbaħ hawn Malta, miksi bl-irħam, tabernaklu fiċ-ċentru, u taraġ li jagħtuh aktar prominenza. Ir-Rev. Kanoniċi aħwa Caruana (taż-żoċċlu) ħallew sett kandlieri tal-fidda għal dan l-artal.[6] Fi żmien qabel Konċilju Vatikan II reġa' daħħal l-idea tal-artal mejda, żgur li dan l-artal kien jilħaq l-għanijiet tiegħu; dehra majjestuża ta' Kristu u l-Insara lkoll fil-kursija miġbura f'pelleginaġġ iħarsu lejn dan l-artal.

## Artali oħra

Bħal ħafna knejjes antiki il-Knisja ta' Bormla hija mżejna b'diversi artali li qabel Konċilju Vatikan II dawn kellhom ukoll l-użu tagħhom. Fost l-artali insibu ta' San Mikiel, ta' San Mark li qiegħed ħdejn il-bieb tal-ġenb, san Ġwann Battista li huwa moħbi wara n-niċċa tal-kunċizzjoni, ta' Santu Kristu, l-artal ta' Santa Katerina, u l-artal tal-Kurċifiss fil-kappella tas-Salib ta' Kandja. F'dawn l-artali insibu bosta relikwi. Il-ġisem ta' Sant Onoratu inġieb f'Malta fl-1825. Insibu wkoll il-ġisem ta' San Paċifiku u Santa Kalra li nġiebu fil-Knisja fl-1830. [7] Dawn il-fdalijiet tal-qaddisin l-Insara kienu jħossu li għandna nżommuhom b'għożża, bħalma ngħożżu xi ħaġa tant hi importanti u għażiża għalina. Din l-idea għalkemm m'għadiex prattikata pero fil-kuntest tagħha għandha ħafna relevanza.

[6] Ara stampa ta' l-artal maġġur Ħvilupp tal-Qima lejn Marija Verġni Immakulata f'Bormla, p.38.
[7] Guillaumier, A., Bormla, Bliet u Rħula Maltin, Valletta Publishing, Malta, p.136.

## Il-Kwadru Titulari

Hekk kif tidħol fil-Knisja ta' Bormla, l-attenzjoni tmur fuq il-Kwadru Titulari fil-faċċata. Il-Kwadru jinsab eżattament fuq l-artal tal-kor u huwa xogħol ta' Pietru Pawl Caruana. Fil-Kwadru naraw il-Madonna liebsa l-abjad u tirfes ras is-serp li ħdejh hemm ukoll il-qamar, il-Missier Etern jinkurunha u fuqu l-Ispirtu s-Santu waqt li madwarhom hemm l-erba' simboli ta' l-Evenġelisti.

> L-Ispirtu s-Santu jidher bħala l-qawwa divina li kienet strumentali fl-inkarnazzjoni ta' Kristu li min-naħa tiegħu narawh bħala tfajjel ċkejken b'idejh magħqudin flimkien fuq naħa waħda ta' Ommu. L-istess atteġjament huwa repetut mill-Madonna. Hija tiddomina l-kwadru bħala blanzun frisk ħiereġ direttament mill-Missier Etern, waqt li mingħajr sforz tisħaq ras is-serp taħt saqajha.[8]

Ħamsin sena wara li l-Papa Piju IX ipproklama lil Marija bħala Mnissla Mingħajr Tebgħa Oriġinali permezz tal-Bolla Ineffabilis Deus, ir-Rev. Kapitlu tal-Kolleġjata flimkien mal-poplu Bormliż ried li jfakkar dan l-avveniment billi jqiegħed kuruna tad-deheb fuq ir-ras tax-xbieha ta' Marija fil-Kwadrju Titulari. Fl-1954 meta il-Papa Piju XII fakkar il-mitt sena mid-Domma ta' l-Immakulata, il-Kapitlu tal-Kolleġjata stieden lill-Emmm. Tiegħu l-Kardinal Federico Tedeschini biex iqiegħed tmien stilel tad-djamant madwar ir-ras ta' Marija fuq l-istess kwadru.

[8] Fiorentino, E., Minn Dejjem Għoġobni!, Programm Festa Marija Immakulata Bormla 1999, 25:229, p.17.

## Statwa Titulari

Żgur li l-Istatwa titulari tal-Kunċizzjoni hija waħda mill-isbaħ li hawn Malta. Imżejna bil-fided u d-deheb minn dejjem kienet għall-qalb il-Bormliżi kollha, kif tidher id-devozzjoni lejha l-aktar fil-festa ta' Marija Immakulata. L-istatwa hija tal-injam u twila 1.65m, jiġifieri daqs persuna umana, hekk kif inhuma il-vari kollha tal-Kolleġjata ta' Bormla. Jingħad li l-istatwa għamlitha Suor Marija Dedomenico li kienet studenta ta' Mattia Preti u saret x'aktarx fi żmien Dun Diegu Ciantar. Fl-1905 il-famuż skultur Bormliż Abram Gatt għamel xi tibdiliet skulturali fl-Istatwa u bl-approvazzjoni tal-Kapitlu inksiet bil-fidda. B'hekk l-istatwa llum hija miksija bil-fidda u b'164 stilla tad-deheb, imżejna b'ħafna ħaġar prezzjuż ċrieket u djamanti, l-istellarju u l-qamar huma miżgħda bid-djamanti, u s-serp taħt riġlejn il-Madonna huwa wkoll miksi bid-deheb.

Fi żmien il-gwerra meta l-Bormliżi raw il-Knisja mhedda kontinwamnet, minħabba li Bormla qiegħda viċin il-port il-kbir, iddeċidew li jieħdu l-istatwa u l-kwadru f'Birkirkara. Dawn kienu mgħottija u meħuda bit-trakkijiet u nżammu l-Knisja. Wara il-Kapitlu wiegħed lill-Madonna li jekk il-Parroċċa ma tiġġarrafx, jagħmlu pellegrinaġġ bl-Istatwa u l-Kwadru minn Birkirkara sa Bormla. Oħroġ il-għaġeb il-bini ta' madwar il-Knisja iġġarraf kollu u l-Knisja ma ġralha ebda ħsara! Anke min l-aktar ma jemminx isostni li xi ħaġa straodrinarja ġrat għal mod kif il-Knisja ma ġralha ebda ħsara qalb it-tifrik kollu ta' madwar. [9]

Fl-1980 l-Eċċellenza tiegħu Mons. Ġużeppi Mercieca, Arċisqof ta' Malta, poġġa ċurkett f'wieħed mis-swaba tal-Madonna biex ifakkar il-Ħamsin sena ta' l-Inkurunazzjoni tal-Kwadru. Meta l-Qdusija Tiegħu il-Papa Ġwanni Pawlu II żar il-gżejjer Maltin u kellem lill-Ħaddiema fi Pjazza Santa Margerita f'Bormla, il-Bormliżi resqu fil-Pjazza l-Istatwa ta' Marija. L-Ispirtu Marjan tant kien qawwi li l-Papa stess qal 'Qegħdin fil-Prezenza ta' Ommna.

[9] Ara ritratti relatati mal-pellegrinaġġ, meħuda mit-'Tifkira tal-Festi Ċentinarji u Qinkwantenarji li saru fil-Belt Cospicua, Giov. Muscat, Malta, 1955.

## Ħidmiet il-Knisja f'Bormla

Ċertament li l-parroċċa ta' Bormla qiegħda tagħti sehem kbir bis-servizzi liturġiċi tagħha. Il-lajċi ukoll jagħtu sehem kbir u kollox huwa possibli bil-ħidma ta' diversi nies. Il-Ħinijiet tal-quddies fil-Ħdud u l-festi huma fis-6.00, 7.00, 8.00, 9.15, 11.45am u fil-5.00pm. Nhar ta' Sibt il-quddies isiru fl-4.45pm u fis-6.00pm. Il-Ħinijiet tal-quddies matul il-ġimgħa huma fis-6.00am , fis-7.00am , u fit-8.30am. Il-ħinijiet ta' filgħaxija huma fl-4.45pm , u fis-6.00pm. Jiena nissuġġerixxi li issir quddiesa għat-tfal aktar spiss, u anke li għandu jkun hemm il-ġenituri magħhom, għallinqas preżenti fil-Knisja. Hawnhekk xtaqt ukoll norbot punt ieħor l-iżvantaġġ li hemm fi Knisja qadima li m'hemmx post apposta għat-trabi. Forsi hawnhekk jista' jsir użu aħjar tal-Kappellun ta' Kandja fil-ġenb tal-Knisja, għalkemm ma tistax toħloq faċilitajiet bħal ma nsibu fil-knejjes moderni.

Il-Kor Tota Pulchra jieħu ħsieb il-Quddiesa tas-6.00pm kull nhar ta' Sibt u t-tielet Ħadd tax-xahar. Għaldaqstant f'dak li huwa kant tal-Knisja, u animazzjoni hemm lok għal ħafna titjib u hawnhekk huwa il-bżonn kbir tal-ħidma tal-lajċi.

Fil-parroċċa insibu diversi fergħat oħra li huma ta' għajnuna għall-parroċċa. Il-Kummissjoni zgħażagħ fost oħrajn hija fergħa fi ħdan il-parroċċa li tiġbor fiha zgħazagħ mill-parroċċa u madwar, tgħin ħafna fl-iżvilupp tal-Liturġija. L-għan tal-Kummissjoni huwa li tiġbor liż-żgħażagħ fi spirtu nisrani u fil-preżent jieħu ħsiebha Fr. Joe Greck.[10] Għandna wkoll il-Kummissjoni għall-adoloxxenti, li jiena u tlieta oħra norganizzaw flimkien ma' kumitat ta' l-adoloxxenti stess, u norganizzaw diversi attivitajiet.

Il-Knisja tagħna peress li hi antika għandha bżonn ta' manutenzjoni kontinwa. Għal dak li hu restawr ta' dimensjoni kbira u artistika jitqabbdu persuni kompetenti. Imma l-

---

[10] Ara siltiet mill-homesite tal-Kummissjoni żgħażagħ li għamilt jien bħala wieħed mill-group leaders.

manutenzjoni ta' kuljum issir minn grupp ta' voluntiera li l-iskop tagħhom huwa ż-żamma xierqa tad-dar t'Alla.

## Konklużjoni

Żgur li hija kbira l-imħabba li għandhom il-Bormliżi lejn l-Immakulata u is-Santwarju[11] ta' Bormla juri biċ-ċar kemm il-Bormliżi żejnu kif jixraq dan it-tempju. L-Imħabba lejn il-Madonna, twassalna biex nersqu lejn binha Ġesu' u l-aħjar mezz biex wieħed juri li verament iħobb il-Madonna huwa li jersaq kif jixraq fl-Ikla tal-Mulej. Min jitqarben ikun jixbah lill-Madonna għax nirċievu fina lill-istess Ġesu' li l-Madonna kellha l-grazzja li ġġorr fiha u trabbi meta ġie fostna.

[11] Il-Knisja ta' l-Immakulata Kunċizzjoni hija il-Parroċċa ta' Bormla, u hija wkoll Santwarju, kif ukoll Kolleġjata.